MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Numru. 901/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**John Curmi bin Carmel u Margaret nee' Galea, imwieled fil-21 ta' Novembru, 1947 u residenti fil-fond numru 76,**
**Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 73252(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi John Curmi li gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Settembru 2007 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'raba maghrufa bhala ta' Dun Luqa, Sannat, Ghawdex:

1) Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Joseph Curmi minn Sannat fil-pussess ta’ hwejgu;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat John Curmi jinsab akkuzat bir-reat tar-“ragion fattasi” ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dana peress illi l-parti leza Joseph Curmi qieghed jikkontendi illi bl-agir tieghu l-imputat qieghed jostakolalu l-passagg ghar-raba tieghu gewwa s-Sannat;

Joseph Curmi jikkontendi illi dina r-raba ilha fil-pussess tal-familja tieghu ghal diversi snin u li kien jezisti minn dejjem dritt ta’ passagg minn fuq ir-raba li giet akkwistata mill-imputat. L-imputat madanakollu bena hitan tas-sejjieh li jikkoncirdaw l-ghalqa tieghu u fejn qalulu kien hemm fetha li taghti mit-triq ghal fuq ir-raba tal-istess imputat, huwa ghamel xatba u ghalaqha b’katnazz sabiex hadd ma jaccedi ghal fuq ir-raba tieghu. Inoltre dina r-raba illum spiccat interkjuza u ghalhekk huwa ghandu dritt ta’ passagg necessarju moghti lilu bil-ligi minhabba li r-raba hija interkjuza;

Illi l-Qorti f’dina l-kawza semghet diversi xhieda li ma qablux bejniethom dwar l-ezistenza o meno ta’ dana d-dritt ta’ passagg. Lanqas jaqblu bejniethom dwar jekk l-imputat jew xi familjari tieghu kinux jghaddu minn dana l-passagg jew le. Inoltre l-ebda att pubbliku jew prova dokumentata ma ngabet sabiex jigi stabbilit l-ezistenza ta’ dana l-passagg;

Illi l-Qorti f’dawn il-proceduri penali ma hijiex tenuta tinvestiga xi drittijiet civili appartenenti lill-imputat jew lill-parti leza. Dawn il-kwistjonijiet iridu jigu rizolti fil-kamp civili u dawn il-proceduri penali m’ghandhomx iservu

sabiex isolvu kwistjonijiet purament civili ezistenti bejn il-partijiet. Illi fil-kamp penali kunflitt fil-provi jimmilita’ favur l-imputat u hawnhekk hawn kunflitt shih fix-xhieda li l-Qorti semghet.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dana l-kunflitt fil-provi, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba kontrieh.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------